**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Kevin Farrugia)**

**vs.**

**Brian Muscat**

Numru 2/2005

Illum 16 ta' Marzu 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Brian Muscat**, iben Daniel u Carmen neé Moore, imwieled Pietà, nhar it-30 ta' Jannar 1966, residenti gewwa Blokk 11, Numru 14, Triq John Pace, Bormla u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 58266(M)

akkuzat talli nhar il-31 ta' Dicembru 2004, minn gewwa l-fond numru 106, appartament numru 2, Triq Brared, Birkirkara:

1. ikkommetta serq ta' proprjeta' ghad-dannu ta' Mary Gravino u terzi ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bil-lok u dan *ai termini* tal-Artikoli 261, 263, 264, 265, 267, 270, u 269 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fir-residenza numru 106, appartament numru 2, Triq Brared, Birkirkara, ghad-dannu ta' Mary Gravino, liema hsara ma teccedix il-Lm500.00[1] imma izjed minn Lm50.00[2] u dan *ai termini* tal-Artikolu 335(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli nhar il-31 ta' Dicembru 2004, minn gewwa l-fond numru 106, appartament numru 1, Triq Brared, Birkirkara:

3. ikkommetta serq ta' proprjeta' ghad-dannu ta' Ivan u Antoinette Mizzi u terzi ohra, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-hin, bil-valur u bil-lok, u dan *ai termini* tal-Artikoli 261, 263, 264, 265, 267, 270 u 269 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fir-residenza numru 106, appartament numru 1, Triq Brared, Birkirkara, ghad-dannu ta' Ivan u Antoinette Mizzi, liema hsara ma teccedix il-Lm500.00[3] imma izjed minn Lm50.00[4] u dan *ai termini* tal-Artikolu 335(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. wara li kien gie kkundannat f'Malta ghal serq jew ricettazzjoni, instab fil-pussess tieghu oggetti ohra (turnavit) li ma kinux tal-kundizzjoni tieghu u talli nstabu wkoll ghandu mfietah, imqabblin jew falsifikati, tajbin ghall-ftuh jew sgassar ta' serraturi, minghajr ma kien ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu nstabu ghandu f'dan iz-zmien u dan *ai termini* tal-Artikolu 287 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. kiser il-kundizzjonijiet moghtija lilu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta , liema sentenza saret definitiva u ma tistax tinbidel;

---

[1] Ekwivalenti ghal €1,164.69.
[2] Ekwivalenti ghal €116.47.
[3] Ekwivalenti ghal €1,164.69.
[4] Ekwivalenti ghal €116.47.

7. sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula u dan *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat il-Process Verbal bin-Numru 169/2005 redatt mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Anthony Vella.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 80) datata 15 ta' April 2005 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-Artikoli 18, 261(b)(c)(f)(e), 263, 267, 269, 270, 278, 279, 280 tal-Kodici Kriminali;
(b) fl-Artikoli 18, 335 tal-Kodici Kriminali;
(c) fl-Artikoli 287, 49, 50 tal-Kodici Kriminali u Artikolu 21 tal-Kapitolu 446;
(d) fl-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-13 ta' Mejju 2005 (*a fol.* 79), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-15 ta' April 2005 (*a fol.* 80), f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi, fis-seduta tal-21 ta' April 2015 (*a fol.* 166) id-difiza talbet li jigi redatt *Social Inquiry Report* fil-konfront tal-imputat liema talba giet milqugha minn din il-Qorti kif diversament preseduta.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef (*a fol.* 169 *et seq.*).

Rat illi, fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2015 (*a fol.* 174), il-Prosekuzzjoni ezentat lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif

diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat illi, fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2015 (*a fol.* 174), id-difiza ma kienitx ghadha f'pozizzjoni tinforma lill-Qorti kif preseduta jekk kienitx ser tezentaha fuq l-istess linji li l-Prosekuzzjoni ezentata fl-imsemmija seduta u b'hekk il-Qorti ssollecitat lid-difiza sabiex sas-seduta ta' wara tinformaha rigward l-ezenzjoni msemmija.

Rat illi, fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2016 (*a fol.* 175), id-difiza nfurmat lill-Qorti li ma kienitx qed tezenta lill-Qorti kif preseduta mill terga' tisma' lix-xhieda li kienu diga nstemghu mill-Qorti diversament preseduta f'liema seduta l-Qorti stiednet lid-difiza sabiex permezz ta' Nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti sa nhar il-Gimgha 6 ta' Mejju 2016 tindika r-raguni ghal kull xhud ghala ma kienx fil-hsieb taghha li tezenta lil din il-Qorti.

Rat illi, fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2016 (*a fol.* 176), il-Qorti nnutat li minkejja t-terminu moghti lid-difiza sas-6 ta' Mejju 2016, id-difiza baqghet ma pprezentatx in-Nota taghha kif verbalizzat fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2016, liema seduta tat-12 ta' Mejju 2016 giet differita ghas-17 ta' Mejju 2016.

Rat illi, fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2016 (*a fol.* 177), id-difiza ddikjarat li kienet qed tezenta lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' mill-gdid x-xhieda kollha mismugha minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta u dana ghajr ghall-Ufficjali tal-Pulizija li xehdu f'dawn il-proceduri.

Rat id-Digriet taghha moghti fil-25 ta' Mejju 2016 (*a fol.* 179 *et seq.*), fejn il-Qorti, fost l-ohrajn, cahdet it-talba tad-difiza sabiex jergghu jinstemghu l-Ufficjali tal-Pulizija li xehdu f'dawn il-proceduri qabel il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta u dana ghajr ghal dak indikat f'paragrafu (a) tad-Digriet imsemmi.

Semghet, fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2016, lill-Ufficjal tal-*Probation* Matthew Fleri Soler jixhed (*a fol.* 198 *et seq.*) u rat is-*Social*

*Inquiry Report* redatt minnu li gie ezebiet u mmarkat bhala Dok. "MFS 1" (*a fol.* 200 *et. seq.*).

Semghet, fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2016, lil eks PC 793 Emanuel Camilleri jixhed (*a fol.* 222 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2016 (*a fol.* 197), lill-imputat jiddikjara li kien ser jaghzel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri u semghetu wkoll jiddikjara li ma kellux provi xi jressaq.

Semghet, fis-seduta tal-15 ta' Frar 2017, is-sottomissjonijiet finali *da parte* tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 225 *et seq*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2005, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Kevin J. Farrugia** (*a fol.* 11 *et seq.*) fejn spjega li fil-31 ta' Dicembru 2004 ghall-habta tad-9.00pm l-Ghassa tal-Pulizija ta' Birkirkara rceviet informazzjoni li kien hemm persuna suspettuza go Triq Brared, Birkirkara. Jixhed li meta l-Pulizija marret fuq il-post irrizulta li l-bieb tal-*aluminium* ta' barra tal-blokk, li jikkonsisti f'zewg appartamenti, kien sgassat. Jghid li PS 1393 dahal fil-post u sab niezel lill-imputat u li fuqu kien hemm ir-*res furtiva* kollha rigward deheb, inkluz turnavit. Jispjega li fit-tarag instabu wkoll tlitt karusijiet li fihom kien hemm ammont ta' flus. Jghid li filwaqt li l-konjugi Mizzi, li joqghodu fi Flat 1, irraportaw li kellhom nieqes it-tlitt karusijiet bil-flus tat-tfal taghhom, certu Mary Gravino, li toqghod fi Flat 2, sabet taqlib u ammont ta' deheb nieqes. Jghid li l-imputat ittiehed l-Ghassa tal-Pulizija fejn ittiehditlu stqarrija li giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "BM" (*a fol.* 15 *et seq.*). Ezebixxa wkoll is-segwenti: zewg folji li fihom id-deheb li nstab fuq il-persuna tal-imputat (Dok. "BM 1" u Dok. "BM 2", turnavit (Dok. "BM 3"), tlitt karusijiet (Dok. "BM 4"), kaxxi vojta tad-deheb u xi affarijiet li kienu fuq l-imputat (Dok. "BM 5"), il-fedina penali tal-

imputat (Dok. "BM 6" – *a fol.* 18 *et seq.*) u c-certifikat tat-twelid tal-imputat (Dok. "BM 7" – *a fol.* 17). Spjega li l-ghada li l-imputat tressaq il-Qorti, il-konjugi Mizzi rrizultalhom li kellhom xi deheb nieqes ukoll. Ipprezenta bhala Dok. "BM 8" (*a fol.* 28) tpingija li d-derubati stess pingew u fornew lill-Pulizija bhala l-affarijiet misruqa taghom.

In <u>kontro-ezami</u> kkonferma li l-imputat nqabad gewwa l-binja u li nqabad bl-affarijiet kollha li gew misruqa. Jghid li minn tfittxija li saret fuq l-imputat nstab id-deheb u ndikalhom li l-karusijiet kien hadhom minn go appartament numru 1.

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Kevin J. Farrugia** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-7 ta' April 2006 (*a fol.* 87 *et seq.*) fejn ezebixxa stima tal-hsarat ta' bieb fejn l-istima tammonta ghal Lm584.05[5] u hija mahruga minn A. Grima. Din giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "KF" (*a fol.* 89 u 90). Jghid li din gie moghtija lilu mid-derubati u jghid: *"sal-gurnata ta' llum il-problema li kelli ghax ma kelliex kuntatt ma' min hareg l-istima"* (*a fol.* 87). Mistoqsi mill-Qorti jekk hijiex ricevuta fiskali, wiegeb: *"Fiscal receipt u fuq wara hemm stima miktuba bl-idejn fejn apparti l-hsarat li hemm fuq il-fiscal receipt, hemm ukoll il-bdil tas-serratura u xi affarijiet ohra li nxtraw biex il-bieb ikun komplut"* (*a fol.* 88).

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2005, xehed ukoll **PS 1393 Carmel Azzopardi** (*a fol.* 30 *et seq.*) li spjega kif fil-31 ta' Dicembru 2004 ghall-habta tad-9.00pm dahlet telefonata anonima fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Birkirkara fejn inghad li kienu dahlu xi nies mhux awtorizzati fil-fond 106, Triq Brared, Birkirkara. Jghid li hu mar fuq il-post flimkien ma' zewg kollegi tieghu u hekk kif kienu dehlin fir-residenza msemmija nnota li l-bieb tal-*aluminium* ta' barra kien sgassat. Jghid li hekk kif dahlu fl-ewwel indana sabu lill-imputat li kien mahsud kif rahom. Jghid li minn tfittxija li saret fuq l-imputat nstabu xi affarijiet fosthom oggetti tad-deheb u anke turnavit kbir. Jghid li halla Pulizija mal-imputat u hekk kif hu u l-kollega l-iehor baqghu telghin it-tarag osservaw li z-zewg appartamenti kienu sgassati, imqallbin u kien hemm hafna hsara fihom. Ezebixxa l-

[5] Ekwivalenti ghal €1360.47.

okkorrenza redatta minnu li giet immarkata bhala Dok. "PC" (*a fol.* 35 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li t-tfittxija fuq l-imputat ghamilha hu u l-kollega tieghu.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2005, xehdet ukoll **Mary Gravino** (*a fol.* 38 *et seq.*) li toqghod 106/2, Triq Brared, Birkirkara, fejn spjegat li dakinhar tal-akkadut hija harget mid-dar ghal xi l-5.30pm u ghall-habta tal-10.30pm giet infurmata b'telefonata minn gar taghha fir-rigward ta' kaz ta' serq mid-dar taghha. Tghid li marret fuq il-post ma' huha u sabet lill-Pulizija. Tispjega li kellha l-bieb tal-appartamenti 106, Triq Brared, li kien bil-hsara u tghid li sabet il-bieb tal-appartament taghha bin-numru 2 mifqugh. Tixhed li sabet taqlib kbir fil-pozambrella li ghandha fil-kuritur u li fil-kcina sabet xi affarijiet li gew imcaqalqin minn kamra ghal ohra. Tghid li sabet id-deheb nieqes u tixhed li ghamlet stima ta' dan id-deheb fl-ammont ta' Lm1300[6]. Meta giet murija Dok. "BM 1" ikkonfermat li dan huwa d-deheb taghha u minn Dok. "BM 5" indikat tlitt kaxxi tad-deheb li huma taghha. Fir-rigward tal-hsara, tghid li l-istima tal-bieb ta' barra hija dik ta' Lm600[7]. Tghid li fir-rigward tal-bieb tal-appartament kienet ghadha ma gabitx stima.

In <u>kontro-ezami</u> tghid li, apparti dak li ndikat qabel, ma rrizultalha xejn aktar nieqes bhala deheb. Mistoqsija tghid kif waslet ghall-istima ta' Lm1300[8] wiegbet li waslet ghaliha wahidha. Tahseb li l-istimi huma *under-estimate*. Ikkonfermat li l-bieb kellu s-serratura sgassata u kellu ticrit sew fuqu u kien hemm bzonn li l-bieb jinbidel kollu.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2005, xehdet ukoll **Antoinette Mizzi** (*a fol.* 45 *et seq.*) li toqghod 106/1, Triq Brared, Birkirkara fejn qalet li dakinhar tal-akkadut irritornat lura d-dar ghall-habta tal-9.45pm u sabet il-Pulizija wara l-bieb taghha li qalilha li kienu dahlu fl-appartament taghha. Tghid li sabet li l-bieb ta' barra tal-*aluminium*,

[6] Ekwivalenti ghal €3028.19.
[7] Ekwivalenti ghal €1397.63.
[8] Ekwivalenti ghal €3028.19.

cioé tal-komun, kellu l-hgiega mkissra u s-serratura miftuha u sabet ukoll il-bieb tal-appartament taghha bil-hsara u bis-serratura mwahhla. Tghid li sabet il-kmamar imqallbin, inkluz il-kmamar tas-sodda u l-kcina. Tixhed li sabet xi crieket neqsin u kkonfermat li Dok. "BM 8" (*a fol.* 28) huwa dak li gie nieqes liema dokument tghid li ppreparah zewgha pero spjegatlu hi peress li ma tafx tpingi. Tghid li sabet ukoll il-karusijiet tat-tifla neqsin u kkonfermat li dawn huma dawk li jidhru f'Dok. "BM 4". Tghid li, bejn wiehed u iehor, kien hemm fihom l-ammont ta' Lm130[9]-Lm150[10]. Tghid li m'humiex koperti b'polza ta' assigurazzjoni.

In <u>kontro-ezami</u> tghid li meta hi, zewgha u t-tifla waslu d-dar sabu lill-Pulizija. Tghid li fil-hin li telghet fuq ma ndunatx x'kien hemm nieqes id-dar u li ndunat meta kienu lehqu telqu l-Pulizija u kienet qed tirranga l-affarijiet f'posthom. Tikkonferma li l-istima li tidher f'Dok. "BM 8" (*a fol.* 28) hija wahda globali u mistoqsija kif waslet ghal dik is-somma wiegbet li hija taghzel u r-ragel ihallas! Tghid li fuq gewwa sabet il-*mosquito net* imqatta'.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2005, xehed ukoll **Ivan Mizzi** (*a fol.* 46(f)) li joqghod 106/1, Triq Brared, Birkirkara fejn qal li dakinhar tal-akkadut hekk kif marru lura d-dar sabu l-Pulizija fil-bieb tal-komun liema bieb kellu hgiega mkissra. Jghid li meta tela' fl-appartament taghhom ra li kien hemm kollox imqalleb. Jghid li kien hemm hsara fil-bieb ta' barra tal-komun fl-ammont ta' Lm300[11] li jghid li rrangah temporanjament hu. Jghid li ghandu s-serratura tal-bieb ta' fuq taqbez u li gie li tehel. Jixhed li l-ammont tas-serratura huwa ta' madwar Lm50[12]. Mistoqsi jghid x'gie nieqes, jghid li gew neqsin is-sitt crieket ta' martu li qaltlu li kienu neqsin. Meta gie muri Dok. "BM 8" (*a fol.* 28) ikkonferma li dan ghamlu hu fuq dak li qaltlu martu. Jghid li apparti c-crieket li qaltlu l-martu, sabu l-karusijiet tat-tifla neqsin u kkonferma li dawn huma dawk li jidhru f'Dok. "BM 4". Jghid li l-*mosquite net* tat-tieqa nstabet imcarrta u li huma hargu mill-appartament ghas-6.15pm. Jghid li m'humiex koperti b'polza ta' assigurazzjoni.

[9] Ekwivalenti ghal €302.82.
[10] Ekwivalenti ghal €349.41.
[11] Ekwivalenti ghal €698.81.
[12] Ekwivalenti ghal €116.47.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid jekk qattx kien ra c-crieket li pinga, jghid li kien hu li xtrahom lil martu bhala rigal. Jghid li c-crieket kien jarahom.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2005, xehed **PS 964 Robert Scicluna** (*a fol.* 48 *et seq.*) fejn spjega li gie nominat fl-Inkjesta Magisterjali u ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "RS" (*a fol.* 50 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2005, xehed ukoll **PC 891 Oscar Baldacchino** (*a fol.* 56 *et seq.*) fejn meta gie muri r-ritratti li gew ezebiti minn PS 964 Robert Scicluna, cioé Dok. "RS" (*a fol.* 50 *et seq.*) qal li dawn juru l-oggetti li nstabu fuq l-imputat meta marru fuq il-post tal-akkadut. Jghid li fil-31 ta' Dicembru 2004 ghall-habta tad-9.00pm rcevew telefonata fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Birkirkara fejn inghad lilhom li xi persuni kienu dahlu f'residenza fi Triq Brared, Birkirkara. Jghid li flimkien ma' PC 793 u PS 1393 marru fuq il-post u li kif ipparkjaw raw l-isgass fuq il-bieb, il-hgieg imkisser u l-bieb kien jidher sfurzat u llevat b'xi haga. Jghid li hekk kif dahlu gewwa u telghu l-ewwel indana sabu lill-imputat niezel it-tarag. Jghid li saret tfittxja fuq l-imputat u gew elevati l-oggetti li kienu misjuba fuqu.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2005, xehed ukoll l-i**Spettur Carmelo Magri** (*a fol.* 59 *et seq.*) fejn ezebixxa bhala Dok. "CM" (*a fol.* 61 *et seq.*) vera kopja ta' sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. L. Quintano fl-4 ta' Dicembru 2003. Gharaf lill-imputat fl-awla bhala l-istess Brian Muscat li huwa nvestiga u ressaq il-Qorti u gie ggudikat mill-Magistrat imsemmi. Jghid li minn din is-sentenza ma kienx hemm appell.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2005, xehed ukoll **David Saliba** (*a fol.* 63 *et seq.*) fejn ezebixxa bhala Dok. "DS" (*a fol.* 65 *et seq.*) vera kopja ta' sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman fit-3 ta' Lulju 1998 fil-konfront tal-imputat fil-kawza odjerna u persuna ohra. Ikkonferma li huwa kien l-Ufficjal Prosekutur u kif ukoll dak investigattiv f'din il-kawza li taghha huwa ezebixxa s-sentenza.

**David Saliba** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2007 (*a fol.* 103) fejn rega' qal dak li qal fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2005.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2005, xehed **Dr. Anthony Cutajar** (*a fol.* 74 *et seq.*) fejn ikkonferma r-relazzjoni tieghu li gie ezebita fil-Process Verbal u li tinsab *a fol.* 6 *et seq.* tal-Process Verbal.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Gunju 2006, xehed **Anthony Grima** (*a fol.* 93 *et seq.*) fejn spjega li ghamel xoghol fuq il-bieb ta' barra li kien bejn tnejn min nies. Jghid li globalment il-bieb gie jiswa Lm584[13] u jghid li gie mhallas nofs bin-nofs. Ezebixxa zewg ricevuti li gew immarkati bhala Dok. "GA" (*a fol.* 95).

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2016, xehed l-**Ufficjal tal-*Probation* Matthew Fleri Soler** (*a fol.* 198 *et seq.*) fejn ezebixxa s-*Social Inquiry Report* (Dok. "MFS 1" – *a fol.* 200 *et seq.*) redatt minnu. Jghid li dan ir-rapport kellu jkun prezentat fl-10 ta' Dicembru 2015 u madanakollu huwa kompla jsegwi lill-imputat u li s-sitwazzjoni baqghet pratikament l-istess sal-gurnata li huwa xehed u b'hekk il-kontenut tar-rapport kien ghadu validu.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid meta l-ahhar li ra lill-imputat wiegeb li kompla jsegwi lill-imputat *ai fini* ta' rapport ta' *parole* liema rapport kien prezentat fit-3 ta' Settembru 2016. Jghid li jidhirlu li l-*Parole Board* rah fil-5 ta' Settembru 2016 u li hu (l-Ufficjal tal-*Probation*) kompla jsegwi s-sitwazzjoni tal-imputat sa dik id-data.

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2016, xehed **eks PC 793 Emanuel Camilleri**[14] (*a fol.* 222 *et seq.*) fejn spjega li lejlet l-ewwel tas-sena jidhirlu tas-sena 2004, ghall-habta tal-11.20pm kellhom rapport li kien hemm xi bieb miftuh fi Triq Brared, Birkirkara. Jghid li hu mar fuq il-post flimkien ma' PS 1393 u PC 891. Jghid li sabu l-bieb miftuh u kif kienu telghin fuq biex jiccekkjaw kien niezel bniedem (li jghid li jahseb li hu l-imputat fl-awla), waqqfuh, tellghuh fuq u

[13] Ekwivalenti ghal €1360.35.
[14] *Vide* digriet datat 25 ta' Mejju 2016 (*a fol.* 179 *et seq.*).

sabu kull ma hemm imqalleb u ghamlu tftixxija fuqu fejn sabu xi dehebijiet u turnavit.

**Ikkunsidrat**

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma pjuttost semplici. In segwitu ta' informazzjoni li kien hemm persuna suspettuza go Triq Brared, Birkirkara, liema informazzjoni giet ricevuta fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Birkirkara fil-31 ta' Dicembru 2004, il-Pulizija accedew fuq il-post *de quo* fejn meta dahlu gewwa sabu lill-imputat bir-*res furtiva* u turnavit. Il-post *de quo* huwa blokk li jikkonsisti f'zewg appartamenti, li fihom jirrisjedu Mary Gravino u l-konjugi Mizzi, f'liema zewg appartamenti nstab taqlib u nstabu diversi affarijiet neqsin minnhom. B'hekk l-imputat gie akkuzat bil-proceduri odjerni taht diversi imputazzjonijiet li ser jigu kkunsidrati hawn taht.

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat, il-Qorti tinnota li ser tiskarta l-istqarrija (Dok. "BM" – *a fol.* 15 *et seq.*) rilaxxata fl-1 ta' Jannar 2005 mill-imputat lill-Pulizija u dak li nghad fiha u li sar riferenza ghaliha fix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur Farrugia u dana *stante* li meta ttiehdet din l-istqarrija l-imputat ma nghatax zmien jikkonsulta ruhu ma' avukat qabel kellem lill-Pulizija. Dana ma setghax isir ghaliex il-ligi vigenti f'dak iz-zmien, u cioe' f'Jannar 2005, ma kinitx taghti d-dritt lill-imputat jaghmel dan. Dan jinghad in vista tal-gurisprudenza ricenti, fosthom id-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2016 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizja vs. Joseph Camilleri**.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) u t-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bil-lok)</u>**:
Illi taht dawn iz-zewg imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat b'serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bil-lok ghad-dannu ta' Mary Gravino (taht l-ewwel imputazzjoni) u ghad-dannu tal-konjugi Mizzi (taht it-tielet imputazzjoni).

Illi jirrizulta li filwaqt li Mary Gravino tirrisjedi f'appartament numru 2, il-konjugi Mizzi jirrisjedu f'appartament numru 1.

Illi l-Qorti tinnota li fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Borg Inguanez** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998 inghad is-segwenti:

> "L-Ewwel Qorti korrettement irriteniet li d-definizzjoni ta' serq komunement abbraccjata fil-gurisprudenza taghna hi dik tal-Carrara u cioé:
>
> *"La contrettazione [...] dolosa della cosa altrui, fatta "invite dominio", con animo di farne lucro"*
>
> (Ara **Il-Pulizija vs. Carmelo Felice**, 10/1/42, **Il-Pulizija vs. Pawlu Scicluna et**, 9/12/44, it-tnejn Appelli Kriminali). Izda din id-definizzjoni hi ukoll suggetta ghall-interpretazzjoni dottrinali u gurisprudenzjali. Kif jispjega l-Manzini b'riferenza ghad-definizzjoni ta' serq moghtija fl-Artikolu 624 tal-*Codice Rocco*:
>
> *"Obiettivament, possono essere "altrui" soltanto quelle cose che costituiscono attualmente oggetto di proprietà o di altro diritto reale. Soggettivamente, e nel senso della nozione del furto, è "altrui" la cosa che è in proprietà e in possesso di una persona diversa da quella che se ne impossessa, e parimenti la cosa che, pur essendo in proprietà di chi sottraendola se ne impossessa, si trova, di diritto o di fatto, nel potere d'altri che abbia facoltà di usarne o di disporne altrimenti. In questo senso una cosa può essere contemporaneamente propria ed altrui"* (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale Italiano (Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed.), UTET, 1984, Vol. IX, para. 3229)".

Illi jirrizulta li meta, dakinhar tal-31 ta' Dicembru 2004, PS 1393 Carmel Azzopardi flimkien ma' PC 891 Oscar Baldacchino u PC 793 Emanuel Camilleri accedew fuq il-post *de quo* sabu lill-imputat u li fuqu nstabu xi affarijiet fosthom oggetti tad-deheb u anke turnavit kbir. Jirrizulta li z-zewg appartamenti li fihom kienu jirrisjedu Gravino u l-konjugi Mizzi kienu sgassati u mqallbin. Jirrizulta

wkoll li kemm Gravino u kif ukoll il-konjugi Mizzi nsterqulhom numru ta' affarijiet li gew imsemmija minnhom meta taw id-depozizzjoni taghhom.

Illi jirrizulta li l-imputat inqabad *in flagrante delicto* bil-hwejjeg misruqa gewwa l-blokka tal-appartamenti.

Illi, tenut kont ta' dan kollu, ma ghandu jkun l-ebda dubju li l-imputat ikkommetta r-reat ta' serq kif addebitat lilu.

Illi fir-rigward tal-kwalifiki tal-mezz, tal-valur, tal-hin u tal-lok, il-Qorti tinnota s-segwenti:

(a) Kemm il-bieb tal-*aluminium* ta' barra tal-blokk kif ukoll dawk taz-zewg appartamenti kienu sgassati. Gravino u Mizzi jikkonfermaw dan. Fuq l-imputat instab turnavit.

(b) Sar serq ta' deheb minn ghand Gravino u kif ukoll minn ghand il-konjugi Mizzi. Minn ghand Mizzi nsterqu wkoll tlitt karusijiet li fihom kien hemm ammont ta' flus.

(c) L-imputat instab *in flagrante delicto* meta kien diga dalam.

(d) Is-serq sehh f'zewg djar ta' abitazzjoni: wahda ta' Gravino u l-ohra tal-konjugi Mizzi.

B'hekk jirrizulta li l-kwalifiki ta' serq kif indikati fl-ewwel (1) u fit-tielet (3) imputazzjoni gew sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati tal-imputazzjonijiet imsemmija bil-kwalifiki ndikati fiz-zewg imputazzjonijiet.

**<u>It-Tieni (2) u r-Raba' (4) Imputazzjonijiet</u>**
**<u>(Hsara volontarja)</u>**:
Illi l-Qorti tinnota li filwaqt fit-tieni (2) u fir-raba' (4) imputazzjoni addebitati fil-konfront tal-imputat l-imputat qed jigi akkuzat li kkawza hsara volontarja, fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju (*a fol.* 80) l-Avukat Generali jelenka, fost l-ohrajn, Artikolu 335 tal-Kodici Kriminali li skond hu l-imputat ghandu jigi misjub hati tieghu.

Illi Artikolu 335 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra hekk:

> "Fir-reati li għalihom il-piena tiġi mogħtija skont ma jkun il-valur tal-ħsara, dan il-valur ma jiġix meqjus mill-qligħ li jkun għamel il-ħati, lanqas mill-imgħaxijiet li jizdiedu ma' dak il-qligħ, izda jitqies biss fuq kemm tkun fil-fatt il-ħsara bħal ma jkun batiha l-offiz fiz-zmien tar-reat".

Illi l-Qorti tinnota li dan l-Artikolu m'huwiex reat *per se* pero jirrigwarda regola kif ghandu jitqies il-valur tal-hsara.

Illi din il-Qorti hija marbuta bid-disposizzjonijiet tal-ligi ndikati fin-Nota ta' Rinviju u ma tistax issib htija taht xi disposizzjoni tal-ligi li ma tigix hemmhekk indikata. Dan gie ritenut, fost l-ohrajn, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Grima**, deciza fit-2 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Id-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Geoffrey Montebello et** moghtija fid-19 ta' April 2013 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali rriteniet ukoll li l-Qorti kienet prekluza milli ssib htija taht Artikolu partikolari tal-ligi ghaliex dan l-Artikolu ma giex indikat mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju. Dan l-insenjament ghandu japplika fir-rigward tat-tieni (2) u tar-raba' (4) imputazzjoni *stante* li ma gewx indikati l-Artikoli tal-ligi minn liema jemergu dawn iz-zewg imputazzjonijiet u ghaldaqstant il-Qorti, filwaqt li ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn iz-zewg imputazzjonijiet, mhux ser issib htija taht Artikolu 335 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Il-Hames (5) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Pussess mhux gustifikat ta' flus, oggetti, ecc., minn persuna ga ikkundannata għal serq jew għal ricettazzjoni)</u>**:

Illi l-Qorti tinnota li l-atti processwali jikkontjenu s-segwenti vera kopji ta' sentenzi: Dok. "CM" (*a fol.* 61 *et seq.*) u kif ukoll Dok. "DS" (*a fol.* 65 *et seq.*). Dawn iz-zewg sentenzi gew moghtija fil-konfront tal-imputat: wahda fit-3 ta' Lulju 1998 u l-ohra fl-4 ta' Dicembru 2003. Gie konfermat mill-Ufficjali Prosekuturi fiz-zewg kawzi msemmija li l-kawza giet deciza fil-konfront tal-imputat fil-kawza

odjerna. Isegwi li l-imputat kien diga gie kkundannat ghal serq. Jirrizulta wkoll li fuq l-imputat nstab turnavit u li huwa ma tax kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu dan kien jinsab ghandu. Effettivament il-Qorti jirrizultalha li l-imputat seraq miz-zewg appartamenti *de quo*. M'ghandux ikun hemm dubju li din l-imputazzjoni giet sodisfacentement pruvata u li b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

**Is-Sitt (6) Imputazzjoni**
**(Ksur ta' kundizzjoni moghtija lill-imputat b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel)**

Illi m'hemmx dubju li din l-imputazzjoni taghmel riferenza ghas-sentenza li tinsab immarkata bhala Dok. "CM" (*a fol.* 61 *et seq.*), liema sentenza giet moghtija fl-4 ta' Dicembru 2003 fejn l-imputat gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien tliet (3) snin.

Illi fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju (*a fol.* 80) l-Avukat Generali jelenka, fost l-ohrajn, Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-Artikolu jirrigwarda ksur ta' kondizzjonijiet f'kaz li persuna jinghata perjodu ta' *probation*. Dak li kellu jigi ndikat kien Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta li ma giex indikat mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju. Tenut kont ta' dak li nghad fir-rigward tat-tieni (2) u tar-raba' (4) imputazzjoni hawn fuq, il-Qorti, fid-dawl tal-gurisprudenza kwotata, hija prekluza milli ssib htija taht Artikolu partikolari tal-ligi meta dan ma jigiex indikat mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju. B'hekk isegwi li filwaqt li l-Qorti ser ikollha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt (6) imputazzjoni, ma tistax issib htija fl-imputat taht Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* li dan ma japplikax ghal kaz odjern.

**Is-Seba' (7) Imputazzjoni**
**(Recidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)**

Illi, a skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti taghmel riferenza ghall-konsiderazzjonijiet li saru fir-rigward tal-hames (5) imputazzjoni fejn saret riferenza ghaz-zewg sentenzi li jirrizultaw fl-atti processwali.

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza moghtija fl-4 ta' Dicembru 2003 (Dok. "CM" – *a fol.* 61 *et seq*.) l-imputat gie liberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tliet (3) snin liema terminu kien ghadu ma ghaddiex fil-31 ta' Dicembru 2004 (cioé id-data li ssir riferenza ghaliha fl-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat). B'hekk isegwi li ghandu jigi applikat l-insejament tas-sentenza moghtija fit-30 ta' April 2008 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Zahra** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet li persuna ma tistax titqies recidiva jekk tikkommetti delitt iehor matul il-perijodu ta' *conditional discharge* jew il-perijodu ta' *probation.*

Illi, minkejja dak li nghad fil-paragrafu precedenti, il-Qorti tinnota li l-imputat ser jigi kkunsidrat li huwa recidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana *stante* li fis-sentenza moghtija fit-3 ta' Lulju 1998 (Dok. "DS" – *a fol.* 65 *et seq*.) l-imputat gie kkundannat sentenza ta' tnejn u ghoxrin xahar prigunerija liema perjodu gie sospiz ghal erba' snin liema terminu kien ghadda fil-31 ta' Dicembru 2004.

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu ta' dak li nghad hawn fuq, jirrizulta li l-ewwel (1), it-tielet (3), il-hames (5) u s-seba' (7) imputazzjoni addebitati fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghhom.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: il-fedina penali tal-imputat (Dok. "BM 6" – *a fol.* 18 *et seq.*) minn liema jirrizulta li l-imputat kiser il-ligi diversi drabi, in-natura tar-reati addebitati lilu u li gew pruvati u kif ukoll il-fatt li l-imputat ser jigi kkunsidrat li huwa recidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-

Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li r-*res furtiva* giet ritornata lura lid-derubati (*a fol.* 79) u kif ukoll dak li jirrizulta mis-*Social Inquiry Report* (Dok. "MFS 1" – *a fol.* 200 *et seq.*) redatt mill-Ufficjal tal-*Probation* Matthew Fleri Soler fejn inghad, fost l-ohrajn, li l-imputat ilu jabbuza mid-droga minn mindu kellu sitta u ghoxrin (26) sena. Filwaqt li l-Qorti tinnota li ghandha idejha marbuta u trid tosserva dak li tipprovdi l-ligi fir-rigward ta' dak li l-imputat ser jinstab hati tieghu f'din is-sentenza, tinnota wkoll li m'hemmx dubju li l-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu u li gew pruvati ghandha tkun dik ta' prigunerija effettiva.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2), tar-raba' (4) u tas-sitt (6) imputazzjoni addebitati fil-konfront tal-imputat, tillibera lill-imputat minn Artikolu 335 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta (liema Artikoli jinsabu elenkati fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali) u wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata 15 ta' April 2005 u senjatament Artikoli 49, 50, 261(b), 261(c), 261(e), 261(f), 263, 267, 269(g), 270 u 287 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat Brian Muscat hati tal-ewwel (1), tat-tielet (3), tal-hames (5) u tas-seba' (7) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' **erbgha u ghoxrin (24) xahar prigunerija**.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**